14 ta' Diċembru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Massimiliano Bonnici *versus* Daniel Thornley

**Kwerela — Appell — Ispejjeż Ġudizzjarji.**

*Il-liġi ma tipprovdix dritt ta' appell lill-kwerelant fuq l-ispejjeż tal-kawża biss; għax biex jiġi deċiż il-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti tkun trid tidħol fil-meritu, u dan ma tistax tagħmlu jekk ma jkunx hemm appell fuq il-meritu.*

Il-Qorti — Fuq il-kwerela magħmula mill-kwerelant Massimiliano Bonnici u martu Ġuża Bonnici kontra l-kwerelat Daniel Thornley, talli fis-17 ta' Lulju 1951, fl-Imsida, hedded lill-kwerelanti, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-21 ta' Awissu 1951, sabet lill-kwerelat ħati talli hedded lill-kwerelanti Ġuża Bonnici, u kkundannatu 10s. ammenda, u lliberatu fil-konfront ta' Massimiliano Bonnici billi dana ma deherx;

Massimiliano Bonnici appella, u talab li dina l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu għall-ewwel kap tagħha, u timmodifikaha fit-tieni kap bl-ispejjeż kollha kontra l-kwerelat appellat;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha tal-kawża, u semgħet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi biex isir appell minn sentenza fuq kap ta' l-ispejjeż biss il-Qorti tkun trid tidħol fil-meritu (ara sentenza ta' din

il-Qorti in re "Busuttil vs. Adami", deċiża fil-15 ta' Settembru 1924, u sentenza in re "Portelli vs. Vella", deċiża fit-18 ta' Settembru 1920). F'dina l-kawża l-appellant ma talabx ir-revoka tas-sentenza in kwantu għall-liberazzjoni; għalhekk dik is-sentenza tibqa' sseħħ; u ladarba l-kwerelat hu liberat b'sentenza li għaddiet il-lum ġudikat fuq l-akkuża, il-Qorti ma tistax tirrinvanga l-meritu fuq l-akkuża tal-kwerelant għall-ispejjeż, għax għal dana l-liġi ma tipprovvedix id-dritt lill-kwerelant li jappella;

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara irritu u null l-appell, bl-ispejjeż kollha għall-appellant. Onorarju tad-difensuri 15s. għas-seduta tal-lum u 10s. għal kull seduta oħra.

---

**Tmiem tal-Volum XXXV.**

---